MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 817/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Crown Hotels Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici fejn, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici Bank of Valletta p.l.c. tinsab kreditrici tas-socjeta’ konvenuta Crown Hotels Limited fis-somma ta’ mija u tnejn u erbghin elf, mija u hamsa u hamsin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm142,155.52) import ta’ tmienja u erbghin (48) kambjali migbuda mis-socjeta’ Elesolar Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta’ mittenti, liema kambjali huma skaduti u mhux

imhallsa fil-15 ta’ Novembru 1998, 15 ta’ dicembru 1998, 15 ta’ Jannar 1999, 15 ta’ Frar 1999, 15 ta’ Marzu 1999, 15 t’April 1999, 15 ta’ Mejju 1999, 15 ta’ Gunju 1999, 15 ta’ Lulju 1999, 15 t’Awissu 1999, 15 ta’ Settembru 1999, 15 t’Ottubru 1999, 15 ta’ Novembru 1999, 15 ta’ Dicembru 1999, 15 ta’ Jannar 2000, 15 ta’ Frar 2000, 15 ta’ Marzu 2000, 15 t’April 2000, 15 ta’ Mejju 2000, 15 ta’ Gunju 2000, 15 ta’ Lulju 2000, 15 t’Awissu 2000, 15 ta’ Settembru 2000, 15 t’Ottubru 2000, 15 ta’ Novembru 2000, 15 ta’ Dicembru 2000, 15 ta’ Jannar 2001, 15 ta’ Frar 2001, 15 ta’ Marzu 2001, 15 t’April 2001, 15 ta’ Mejju 2001, 15 ta’ Gunju 2001, 15 ta’ Lulju 2001, 15 t’Awissu 2001, 15 ta’ Settembru 2001, 15 t’Ottubru 2001, 15 ta’ Novembru 2001, 15 ta’ Dicembru 2001, 15 ta’ Jannar 2002, 15 ta’ Frar 2002, 15 ta’ Marzu 2002, 15 t’April 2002, 15 ta’ Mejju 2002, 15 ta’ Gunju 2002, 15 ta’ Lulju 2002, 15 t’Awissu 2002, 15 ta’ Settembru 2002, 15 t’Ottubru 2002, rispettivament (Dok. “A1 sa A48”) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi dawn it-tmienja u erbghin (48) kambjala immaturaw u ma gewx imhallsa mis-socjeta’ konvenuta Crown Hotels Limited;

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Dicembru 2002 li kopja taghha giet esebita mac-citazzjoni u mmarkata Dok “B”, sabiex thallas dawn il-kambjali skaduti fuq imsemmija, izda din baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut fil-fehma tas-socjeta’ attrici, is-socjeta’ konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq f’din il-kawza li ghalhekk tista’ tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta’ l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet.

Talbet illi din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet;

2. tikkundanna lis-socjeta' Crown Hotels Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u erbghin elf, mija u hamsa u hamsin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm142,155.52) import ta' tmienja u erbghin (48) kambjala skaduti u mhux imhallsa (Dok. "A1 sa A48"), liema kambjali gew migbuda mis-socjeta' Elesolar Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' attrici, flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Dicembru 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghha tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------